MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 82/2002/1

**Maria mart l-Professur Prim Imħallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici;**
**u l-istess Professur Giuseppe Mifsud Bonnici.**

**v.**

**Victor, Vincent sive Censu u Anna aħwa Attard.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri,

Gurisdizzjoni Generali fit-30 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut u deciz hekk:
"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

"Illi huma proprjetarji tal-fond numru tal-fond numru 2 Triq il-Marina, Marsalforn, indikat bl-ittra 'A' fir-ritratt annessa Dok "X", liema fond għandha parapett li jintuża wkoll mill-atturi bħala parkeġġ għall-karrozza tagħhom ;

"Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond kontigwu (markat bl-ittra K fuq ir-ritratt esebit) liema fond, li huwa wkoll restaurant, għandha parapett kbir f'livell għola minn dak ta' l-atturi li jikkonfina in parti mal-parapett tal-atturi;

"Illi l-konvenuti kienu oriġinarjament bnew ħajt diviżorju baxx bejn iż-żewġ parapetti u fuqu poġġew ringiela balavostri ;

"Illi xi żmien ilu l-konvenuti abbużivament u llegalment, qalgħu dik il-parti tal-balavostri li tmiss mal-art tal-atturi u minflok għamlu taraġ għal fuq l-art tal-atturi, kif jidher mir-ritratt anness;

Illi dan l-aġir tal-konvenuti huwa abbużiv u llegali u nonostanti l-fatt li l-konvenuti ġew interpellati ripetutament, anki b'ittra uffiċċjali tad-9 ta' Frar 1999, biex jaqilgħu dan it-taraġ u jerġghu jibnu l-ħajt diviżorju għandhom sal-lum ma għamlu xejn.

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. tikkundannahom li jneħħu t-taraġ li għamlu għal fuq l-art tal-atturi;

"2. jibnu l-ħajt divizorju bejn il-parapett tagħhom u dak tal-atturi sa l-għoli li titlob il-liġi b'mod illi ma jkun hemm ebda aċċess u introspezzjoni mill-fond tagħhom għal dak tal-atturi u dana fi żmien qasir u

perentorju li jiġi ffissat minn din l-istess Qorti u taħt is-sorveljanza u direzzjoni ta' Perit Arkitett nominandi;

“3. fin-nuqqas tawtoriżża lill-atturi li jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji biex isir dan taħt id-direzzjoni tal-istess Perit nominandi u a spejjeż tal-konvenuti.

“Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1999 u bil-VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Maria Mifsud Bonnici.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Victor Attard u Anna Borg li eċċepew:

“1. Illi l-esponenti qed jikkontestaw it-titolu li qed jippretendu li għandhom l-atturi fuq l-ispazju antestanti għall-proprjeta` tagħhom. Dan għaliex dak li qed jissejjah "parapett" fil-fatt ma huwa xejn għajr spazju pubbliku.

“2. Illi għalhekk jeħtieġ li qabel xejn tiġi determinata u definita l-proprjeta` ta' dan l-ispazju peress illi l-Kummissarju ta' l-Art isostni li l-ispazju pretiż mill-atturi u dak li jiġi quddiem il-proprjeta` tal-konvenuti jappartjeni lilu; għalhekk fl-ewwel lok dan għandu jiġi msejjaħ f'dan il-ġudizzju.

“3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti minn dejjem gawdew aċċess minn fuq l-ispazju li l-atturi qed jippretendi li hu tagħhom.

“4. Illi x-xogħlijiet li dwarhom qed jilmentaw l-atturi saru bil-permess tal-Kummissarju ta' l-Art u ta' l-Awtorita' ta' l-ippjanar.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Victor Attard.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Vincent Attard li eċċepixxa:

“1. illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jippruvaw li huma l-proprjetarji tal-ispazju minnhom imsejjah parapett, fronteġġjanti l-fond proprjeta` tagħhom u għaliex mhux formanti parti mit-triq pubblika, u fin-nuqqas ta' tali prova l-eċċipjenti jeċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi li jippromwovu din il-kawża ;

“2. illi bla preġudizzju għall-ewwl eċċezzjoni, fil-meritu x-xogħlijiet lamentati mill-atturi konsistenti fil-formazzjoni tat-taraġ indikat fiċ-ċitazzjoni, ma sarux mill-eċċipjent, anzi għar-raġunijiet differenti minn tal-attturi, kien l-istess eċċipjent li meta kien ser jinbeda x-xogħol huwa pprova jirreżisti li jsir dan it-taraġ anke billi għamel mandat ta' inibizzjoni kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, u għaldaqstant it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi ;

“3. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.
Rat il-verbal tagħha tal-21 ta’ Novembru 2006 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġu mantnuti fil-pussess ta' l-ispazju fronteġġjanti l-proprjeta` tagħhom, deskritt fiċ-ċitazzjoni u li huma jippretendu illi jifforma parti ntegrali mill-istess proprjeta` tagħhom, u dan billi l-konvenuti jiġu ordnati jneħħu xi xogħlijiet li kienu għamlu biex igħaddu minn fuq dan l-ispazju ħalli jaċċedu għall-proprjetajiet tagħhom fuq in-naħa ta' lvant ta' l-istess proprjeta` ta' l-atturi. Il-konvenuti jiċħdu li l-atturi

għandhom il-proprjeta` ta' dan l-ispazju jew li jgawdu xi pussess esklussiv tiegħu.

"Proprju fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom l-atturi, a skans ta' kull ekwivoku, jikkonfermaw illi huma eżerċitaw l-*actio manutentionis*, li hija waħda miż-żewġ kawżi possessorji kontemplati fil-Kodiċi Ċivili tagħna. Fi kliemhom: "*Wieħed irid l-ewwel nett jagħmilha ċara li dina mhiex azzjoni rivendikatorja għas-sempliċi raġuni illi l-proprjeta` ta' l-atturi mhux biss hija proprjeta` tagħhom imma hija u kienet dejjem fil-pussess pien tagħhom. **Din hija azzjoni ta' molestja***."[1] Dwar l-iskop ta' l-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi:

"*il possesso …. e' costituito da una condizione di fatto che la legge, nell'interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell'intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e' appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol.V # 92)."

"Dawn l-azzjonijiet possessorji taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna huma tnejn u cioe`:

"(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (art. 534) ; u

"(ii) l-azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll (art. 535).

"Fl-ewwel każ l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqgħax jiġi mfixkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa. Fit-tieni każ jitlob li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżżа bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifisser id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet:

"*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo'*

[1] Ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet relattiva a fol. 408 tal-process; enfasi tal-Qorti

*chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia,in questo il possesso e' perduto*." (Comm. Cod. Civ. Vol. II # 1186)."

"F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet: "**Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni: "*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u cioe`:*

*"(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita' ta' ħwejjeġ mobbli ;*

*"(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa,*

*"(c) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess, u*

*"(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.*

*"Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini". Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddiehor". (ara ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** *- Kollez. XXVII. I. 622).*

"Fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu illi x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, u li bihom jgħidu li ġew molestjati fil-pussess ta' l-ispazju in kwistjoni, jiġu mneħħija. Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f'kawża ta' manutenzjoni, kif għandna fil-każ in eżami, tistax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f'waħda ta' spoll, ir-**Ricci** jgħid illi:

"*Coll'azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si trova; e poiche' la condizione attuale di cose non puo' mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e' che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l'altra d'inibizione al turbatore di proseguire nell'opera o nel fatto molesto da lui intrapreso* …..”

*"E si fatta inibizione puo' riuscire qualche volta insuifficiente a raggiungere lo scopo; imperocche', supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e' evidente che il mantenimento della condizione di fatto in cui il possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*." (op. cit. #96).

"Hekk naraw per eżempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1991 f'kawża simili ta' manutenzjoni fil-pussess fl-ismijiet: "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.,**" li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati "… *jagħmlu dak li hu neċessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*" (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358). Huwa evidenti għalhekk illi anke f'kawża bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran ċitat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa' jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament.

"Niġu għalhekk sabiex naraw jekk jeżistux fil-każ in eżami, l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bżal din.

"Minn eżami tal-provi prodotti naraw mill-ewwel illi hemm impediment gravi għaliex ma tistax tirnexxi din il-kawża. L-*actio manutentionis* trid issir fi żmien sena mill-allegata molestja. Issa fil-każ in eżami, rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw minn xogħlijiet magħmula mill-konvenuti jew xi ħadd minnhom, li permezz tagħhom tneħħa ċint tal-balavostri li kien jifred il-proprjeta` tagħhom minn dan l-

ispazju, u saru tliet tarġiet għal fuqu biex ikunu jistgħu jitelgħu minn hemm ħalli jaċċedu għall-proprjetajiet rispettivi tagħhom. Mill-kopja ta' l-ittra li kien bagħat l-attur il-Professur Mifsud Bonnici lill-konvenuti Victor Attard u Anna Borg u datata l-14 ta' Lulju 1999, jirriżulta inkontestament illi x-xogħlijiet lamentati kienu ġia laħqu saru qabel dik id-data[2]. Issa l-kawża preżenti ġiet intavolata fis-7 ta' Awissu 2002 u għalhekk ferm aktar mis-sena stipulata mil-liġi sabiex tiġi eżerċitata azzjoni bħal din[3]. Huwa minnu illi fil-każ in eżami ħadd mill-konvenuti ma qajjem ebda eċċezzjoni f'dan ir-rigward, u din il-kwistjoni ssemmiet biss fin-noti ta' l-osservazzjonijiet tagħhom. Imma kif insibu fid-dottrina in materia:

"*Fu solevato il dubbio, se il termine dell'anno sopra detto sia - perentorio, di guisa che, scaduto, il pretore debba dirsi assolutamente incompetente, all'uopo anche d'ufficio - ovvero, sia soltanto un termine di prescrizione, per modo che, compiuto, si debba bensi' dire prescritta la facolta' di promuovere l'azione davanti al pretore ma,poiche' alla prescrizione possone le parti rinunziare, ne' il giudice puo' supplire d'uffizio alla prescrizione non opposta, percio', se' dopo l'anno, l'azione fu intentata davanti al pretore, e il convenuto, anziche' opporre la prescrizione, abbia accettato la discussione sul merito, sia a dirsi avvenuta la tacita rinunzia alla prescrizione, e quindi il pretore debba giudicare della causa, ne' possa d'uffizio rilevare la propria incompetenza.”*

*“**Noi crediamo che il termine … debba dirsi assolutamente perentorio: sicche', trascorso cessi la competenza eccezionale del pretore, e questi sia obbligato,occorrendo, di pronunziore d'uffizio la propria incompetenza**."* [4]

“Hekk ukoll ingħad mill-Qrati tagħna fir-rigward ta' l-azzjoni ta' spoll, li wkoll għandha terminu stabilit mill-liġi, illi: "*Dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-*

---

[2] ara Dok. AB 5 esebit a fol. 385 tal-process.
[3] Artikolu 534 Kap. 16.
[4] Mattirolo: Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano: vol. I ed. 1902 para. 250 pag. 233; enfasi ta' din il-Qorti.

*effetti ta' l-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mil-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur*." [5]

"Għalhekk billi rriżulta indubbjament illi l-molestja lamentata mill-atturi seħħet iżjed minn sena minn meta ġiet intavolata din il-kawża, l-azzjoni tagħhom neċessarjament ma tistax tirnexxi. Ikun għalhekk għal kollox inutili li jiġu eżaminati l-elementi l-oħra rikjesti mill-liġi għas-suċċess ta' kawża bħal din.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi."

**L-APPELL TAL-ATTURI**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha u talbu r-revoka taghha, bl-akkoljiment tat-talbiet taghhom kif dedotti fl-att tac-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**L-AGGRAVJU TAL-ATTURI APPELLANTI**

3.1. L-aggravju tal-atturi appellanti in succint jikkonsisti fil-fatt li, skond kif ighidu huma stess fir-rikors tal-appell – "jidher car li l-ewwel Qorti hawdet l-azzjoni possessorja maghrufa bhala l-azzjoni ghall-manutenzjoni ma' dik ta' molestja u dana peress li l-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom qalu li din ma hijiex azzjoni rivendikatorja imma azzjoni ta' molestja."

3.2. Dejjem skond l-appellanti, fil-kawza intentata minnhom ma hemm xejn dwar pussess kif ravvizat zbaljatament mill-Qorti tal-ewwel grad. Anzi jghidu li "il-pussess anqas biss jissemma'". Il-kawza timpernja fuq il-proprjeta` u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kienu proprju intizi biex jinnegaw tali titolu vantat mill-atturi in kwantu l-konvenuti jallegaw li din kienet proprjeta` governattiva, billi kienet tifforma parti minn triq pubblika. Fil-fatt, l-eccezzjoni bbazata fuq wiehed mir-rekwiziti tal-*actio*

[5] Prim'Awla: Philip Gatt vs Mario Cini: 4.2.03.

*manutenionis* – jigifieri tali kawza trid issir fi zmien sena mill-akkadut – lanqas biss ma giet sollevata mill-konvenuti. Dak li jikkontestaw fis-sentenza l-konvenuti appellati huwa t-titolu u dan billi huma qeghdin jippretendu li ghandhom il-proprjeta` taghhom fuq l-ispazju antistanti.

Kemm mic-citazzjoni u kemm mill-eccezzjonijiet u mill-provi li saru fil-kors kollu tas-smigh tal-kawza, "wiehed irid jikkonkludi bilfors li l-azzjoni tal-atturi <u>hija azzjoni ta' molestja 'di diritto'</u>." (enfasi mizjud tal-Qorti).

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL TAL-KONVENUTI VICTOR ATTARD U ANNA BORG GHALL-APPELL TAL-ATTURI</u>**

4.1. Il-konvenuti Victor Attard u Anna Borg wiegbu fit-12 ta' Marzu 2007 li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti kellha ragun biex tasal ghall-konkluzjoni taghha li hawn si tratta tal-*actio manutentionis.* Ic-citazzjoni hi mibnija fuq premessi u talbiet maghmulin b'mod "pjuttost stamb" u "wiehed ma jistax facilment jikkategorizzahom f'xi tip ta' azzjoni jew ohra". Jekk wiehed jezamina n-nota ta' osservazzjonijiet li gietipprezentata mill-atturi fl-ewwel istanza, fiha l-atturi jghidu biss li din hi "azzjoni ta' molestja", u mhux kif qeghdin issa jsostnu, biex jippruvaw "isalvaw" il-kawza, li din hija u kienet hekk mill-bidu u unikament "azzjoni ta' molestja ta' dritt". Anke meta l-konvenuti wiegbu bil-miktub ghal din in-nota u rriferew ripetutament ghan-natura tal-azzjoni, bhala wahda possessorja, ma kien hemm ebda reazzjoni mill-atturi.

4.2. F'kull kaz, anki jekk wiehed jipprova jittratta l-kawza kif qeghdin issa jippretendu l-atturi fl-appell taghhom, l-azzjoni taghhom "ma tistax tigi inkwadrata f'azzjoni ta' molestja ta' fatt jew ta' dritt", u taht dan l-aspett dawn l-appellati jaghmlu riferenza ghall-Artikoli 1550 u 1551 tal-Kodici Civili. Il-kazistika citata mill-atturi tirreferi ghal azzjonijiet mehudin mill-inkwilin u mhux mis-sid, kif inhu l-kaz in ezami.

4.3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellati konvenuti Victor Attard u Anna Borg jissottomettu inoltre li fil-kaz li l-Qorti kellha tqis din il-procedura bhala wahda petitorja, kif qed jipproponu issa l-atturi, xorta wahda ghandu jirrizulta li l-azzjoni intentata hija wahda bla bazi. Mill-provi kollha li gew prodotti, it-titlu tal-atturi fuq l-ispazju in kwistjoni ma jirrizulta bl-ebda mod, anzi l-konvenuti gabu provi li juru invece li din hi proprjeta` tal-Gvern. F'kull kaz l-appellanti lanqas talbu lill-Qorti biex din tidhol fil-mertu li kieku kellha tigi revokata s-sentenza appellata. Dwar il-kap tal-ispejjez, tenut kont tal-konfuzjoni ta' natura procedurali li kkrejaw l-istess atturi, ikun x'ikun l-ezitu tal-kawza, il-konvenuti m'ghandhom ibatu ebda parti minnu. Dawn ghandhom f'kull kaz jithallsu mill-appellanti, isostnu l-konvenuti appellati fuq imsemmija.

**<u>RISPOSTA TAL-KONVENUT VINCENT SIVE CENSU ATTARD</u>**

5. Il-konvenut Vincent Attard (li pprezenta r-risposta tieghu fis-16 ta' April 2007) ukoll wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Ighid li d-distinzjoni li jridu jaghmlu l-atturi bejn l-azzjoni ghal molestja tad-dritt u ohra ta' fatt jew tal-pussess "ftit li xejn hija ta' rilevanza ghal kaz odjern". F'kull kaz l-atturi ma rnexxilhomx jaghmlu l-prova dwar it-titlu minnhom vantat. Bhala fatt jghidu li l-atturi la kienu s-sidien u lanqas il-possessuri ta' dan l-ispazju li l-atturi jsejhula parapett. Dan huwa "spazju pubbliku (li) jinsab ukoll registrat mill-Gvern fir-Registru tal-Artijiet bhala parti mit-triq pubblika u cioe` Triq il-Port, u b'titolu assolut".

L-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett u la hemm lok li s-sentenza tigi annullata u wisq anqas riformata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Apparti l-kontestazzjoni fil-mertu, jidher ferm evidenti mis-suespost illi l-ewwel u qabel kollox trid tigi rizolta darba ghal dejjem il-kwistjoni dwar <u>in-natura tal-azzjoni</u>

promotrici. L-azzjoni attrici hija wahda petitorja jew wahda ta' natura possessorja? Risposta netta ghal dan il-kwezit hija essenzjali u fondamentali ghat-tkomplija o meno tal-bqija tal-vertenza fil-mertu. Kif rajna, l-ewwel Qorti qieset li, u dana ghamlitu bla tlaqliq u minghajr l-icken esitazzjoni, l-azzjoni promotrici kienet l-azzjoni possessorja maghrufa bhala l-*actio manutentionis* u hija waslet biex finalment cahdet it-talbiet attrici wara li segwiet dan il-binarju ta' kawza bbazata fuq l-*actio manutentionis*.

7. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-principju regolatur li ghandu jiddetermina n-natura tal-azzjoni huwa dak li jemergi mill-att promotorju stess, li fil-kaz in ezami hija c-citazzjoni attrici. Issa m'hemmx dubbju li kemm minn ezami tac-citazzjoni tal-atturi kif ukoll mill-eccezzjonijiet li gew sollevati mill-kontroparti konvenuta, kif ukoll mill-mod kif giet kondotta l-kawza f'dak li jikkoncerna gbir ta' provi, tista' tghid li kollox huwa interament impernjat fuq l-aspett tat-titlu ta' proprjeta` o meno tal-ispazju li fuqu jisporgi bini proprjeta` tal-atturi appellanti, u li ghal fuqu gie kostruwit tarag li jipprovdi nzul minn fond adjacenti appartenenti lill-konvenuti appellati.

8. Mill-bidu sat-tmiem, ic-citazzjoni ticcentra biss fuq id-dritt ta' proprjeta` fuq dan l-ispazju/parapett u x-xiehda li tressqet kemm min-naha u kemm minn ohra ma tmurx oltre minn daqshekk. Lanqas jista' jinghad li l-konvenuti setghu fehmu xort'ohra mit-tahrika li huma rcevew ghar-rimozzjoni tat-turgien u ripristanar tal-ambjent *de quo* gewwa Marsalforn, Ghawdex. Fil-fatt, il-konvenuti Victor Attard u Anna Attard eccepew (ara nota ta' eccezzjonijiet a fol. 11) li,
"… l-esponenti (i.e. il-konvenuti) qed jikkontestaw it-titolu li qed jippretendu li ghandhom l-atturi fuq l-ispazju antestanti ghall-proprjeta` taghhom …"

u li, (ara t-tieni eccezzjoni taghhom)
"ghalhekk jehtieg li qabel xejn tigi determinata u definita l-proprjeta` ta' dan l-ispazju …"

Similment, il-konvenut l-iehor, jigifieri Vincent sive Censu Attard (fol 14) eccepixxa
"Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jippruvaw li huma proprjetarji tal-ispazju minnhom imsejjah parapett …"

(Sottolinear tal-Qorti)

9. Imnejn setghet tnisslet, allura, il-konfuzjoni bejn l-azzjoni petitorja u l-azzjoni possessorja? Din il-Qorti hija konvinta li din il-"konfuzjoni" qamet proprju fi stadju meta kienu gia\` nghalqu l-provi u gewipprezentati noti ta' sottomissjonijiet min-naha tal-partijiet kontendenti. Gara li l-atturi ddikjaraw b'certa enfasi illi (ara nota a fol. 408 *et seq.* tal-process) "din mhix azzjoni rivendikatorja ghas-semplici raguni illi l-proprjeta\` ta' l-atturi mhux biss hija proprjeta\` taghhom imma hija u dejjem kienet fil-pussess taghhom. Din hija azzjoni ta' molestja …" (sottolinear tal-Qorti).

It-tismija tal-kelma "pussess" flimkien mad-dikjarazzjoni attrici li hawn si tratta tal-azzjoni ta' molestja jidher li zviluppat imbaghad f'konfuzjoni vera u proprja fuq in-naha konvenuta. Di fatti, il-konvenuti Victor Attard u Anna Borg fin-nota taghhom (ara paragrafu intitolat "3. In-natura tal-azzjoni odjerna," a fol. 424 tal-process) jallegaw li l-atturi "… naqsu milli jispjegaw kif gew pruvati minnhom l-elementi necessarji biex tirnexxi azzjoni ta' manutenzjoni." U minn hawn 'il quddiem dawn il-konvenuti jimbarkaw fuq binarju (zbaljat) daqs li kieku hawn si trattava tassew tal-azzjoni ta' manutenzjoni! Pero\` – u minn hawn wiehed malajr jinduna li l-konvenuti surreferiti ma gewx zvijati talment bl-asserzjoni fuq imsemmija dwar pussess min-naha tal-atturi – aktar 'il quddiem fl-istess nota (ara fol. 436, para 5) huma jkomplu jelaboraw hekk: "Minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa sottomess li fl-eventwalita\` li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li, kuntrarjament ghal dak li qed isostnu l-atturi stess, din il-kawza tikkonsisti f'azzjoni petitorja, xorta wahda jirrizulta li l-azzjoni tal-atturi hija minghajr l-ebda bazi." (sottolinear ta' din il-Qorti tal-Appell). Ghal darb'ohra mbaghad huma jkomplu b'ezercizzju differenti biex juru li *qua* azzjoni petitorja, l-azzjoni attrici xorta ma tistax tirnexxi.

Stranament, dan l-ezercizzju doppju ghamluh allavolja huma gustament jghidu fil-korp tan-nota taghhom li l-ligi tal-procedura ma tippermettix l-ezami taz-zewg tipi ta' azzjonijiet f'daqqa – jew wahda jew l-ohra imma mhux it-tnejn fl-istess azzjoni.

10. Din id-distinzjoni netta bejn l-azzjoni petitorja u l-azzjoni possessorja hija wkoll sollevata fin-nota tal-konvenut l-iehor Vincent Attard (fol. 443 *et seq.* tal-process). Jidher ukoll, minn ezami ta' din in-nota, li dan il-konvenut l-ewwel beda biex jitratta l-kawza taht l-ispecje ta' azzjoni ta' manutenzjoni, imbaghad imur fuq l-azzjoni ta' rivendika – li l-atturi dikjaratament jghidu li mhux il-kaz.

11. Issa meta l-partijiet u l-Qorti jigu rinfaccjati bil-possibbilita`, vera jew apparenti tkun li tkun, li hemm dubbju dwar in-natura stess tal-azzjoni in dizamina, is-sens komun jurik li qabel mal-kawza tmur ghas-sentenza, ta' lanqas ikun hemm kjarifika dwar dan l-aspett fundamentali tal-vertenza. Dan facilment seta' jsir fil-procedura in ezami b'wiehed mit-tlett modi segwenti:-

(i) jew billi l-atturi, permezz ta' replika qasira jiddikjaraw, li l-azzjonijiet possessorji ma jidhlu xejn f'din il-procedura, kif fil-fatt elaboraw fir-rikors ta' appell;

(ii) jew billi l-konvenuti, jew xi wiehed jew wahda minnhom, jitlob lill-Qorti biex din iddur fuq l-atturi halli dawn jeleminaw kull dubbju li seta' dahhlilhom wara n-nota pprezentata mill-istess konvenuti;

(iii) jew billi l-istess Qorti tistaqsi hi direttament lill-atturi dwar in-natura tal-azzjoni intavolata, in vista taz-zewg noti responsivi tal-konvenuti, in kwantu dawn imbarkaw ukoll u dahlu f'ezercizzju fuq il-premessa li hawn si tratta tal-azzjoni ta' manutenzjoni.

12. Minn dana kollu ovvjament ma gara xejn. Minflok, l-ewwel Qorti qabdet u ddikjarat li l-azzjoni attrici kienet wahda ta' natura possessorja, u specifikament l-*actio manutenstionis*, rat x'inhuma l-elementi kostitutivi ta' dina l-azzjoni, sabet li l-azzjoni ma gietx ezercitata fi zmien

sena mill-allegat att turbattiv jew molestja, u ghaddiet biex cahdet it-talbiet attrici.

13. Issa li kieku l-azzjoni ta’ molestja hija possibbli biss f’azzjonijiet possessorji, allura wiehed jista’ jasal biex jifhem ir-raguni li ghaliha l-Qorti tal-ewwel grad abbinat l-allegata molestja mal-azzjoni ta’ manutenzjoni, imma mill-punto di vista ta’ dritt dan ir-ragjonament huwa wiehed zbaljat. Molestja tista’ tkun kemm wahda ta’ fatt u kemm ukoll wahda ta’ dritt (“molestia di diritto”). Kif jemergi minn diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati – ara fosthom dik recensjuri li taghmel ukoll ampja riferenza ghal kitbiet awtorevoli minn guristi bhat-Troplong, Baudry, Ricci u Fadda, fost ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Caruana v. Carmelo Caruana et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ April 1954 – il-posizzjoni korretta hija hekk:
“(Mentri) il-molestja ta’ dritt hija dik li jkollha bhala oggett taghha pretensjoni fuq il-proprjeta` tal-haga, jew fuq kwalunkwe smembrament tal-proprjeta` (per ezempju, servitu`), jew anki fuq il-pussess fis-sens tal-kelma – liema pretensjoni tikkostitwixxi offiza permanenti lill-proprjeta` jew lill-pussess …”

A skans ta’ kull ekwivoku, tajjeb li jinghad li facilment jista’ jkollok persuna li filwaqt li tkun sid ta’ proprjeta`, hija tkun ukoll fil-pussess tal-istess proprjeta`. Fi kliem iehor, ghalkemm it-titlu huwa distint minn pussess, il-wiehed ma jeskludix lill-iehor u t-tnejn jistghu jkunu komprizi flimkien. Issa, filwaqt li molestja ta’ fatt tispetta anke lil min huwa semplicement possessur tal-haga, l-azzjoni kontra molestja ta’ dritt tispetta unikament lis-sid. U kien proprju taht din it-tieni specje ta’ molestja – molestja ta’ dritt – li l-atturi jidher li intavolaw l-azzjoni taghhom, imqar jekk ghazlu li jibqghu muti meta beda jidher li t-tismija tal-element tal-pussess fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom setghet inftehmet hazin min-naha tal-konvenuti. Hi kif inhi, huwa ovvju li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qabdet u ddecidiet li hawn si trattava tal-azzjoni ta’ manutenzjoni. Jekk hija dehrilha li ghandha tiggwida ruhha mill-atti tal-kawza bla ma titlob kjarifika, dak li kellu jiggwida lill-Qorti kien l-att tac-citazzjoni u mhux in-noti tas-sottomissjonijiet li gew pprezentati lejn tmiem is-

smiegh tal-kawza. Kif gia` ntqal anke l-istess noti ta' eccezzjonijiet fil-bidu tal-kawza u l-konduciment tas-smigh tal-provi mexa korrettament fuq il-binarju ta' azzjoni petitorja rigwardanti molestja ta' dritt.

13. Dan kollu jwassal allura ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad peress li l-aggravju tal-atturi huwa wiehed fondat u jimmerita li jigi akkolt. Lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti tinvesti u tiddeciedi li l-meritu proprju tal-vertenza peress li sa issa dan baqa' bla ebda pronunzjament mill-ewwel Qorti. Kwindi din il-Qorti, in omagg ukoll tal-beneficcju tad-doppju ezami, jidhrilha li jkun opportun li tirrimetti lura l-atti tal-kawza ghal fini ta' deliberazzjoni u decizjoni fil-mertu fid-dawl ta' dak li qed jigi deciz fis-sentenza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell interpost mill-atturi, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali li nghatat fit-30 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet premessi, u ghalhekk tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem dik il-Qorti, a karigu tar-Registratur sabiex il-Qorti tal-ewwel grad, konformement ma' din id-decizjoni, tiddeciedi l-kawza fil-mertu skond il-ligi.

L-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati u rizervati sal-gudizzju finali, filwaqt li dawk relativi ghal dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet stante li l-partijiet kollha ghandhom xi ftit jew wisq tort ghall-konfuzjoni li giet indotta fiha l-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------